MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tad-29 ta' April, 2011

Numru 508/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Abdi Risak Hussein Farah**

**Il-Qorti,**

**Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita'numru 41949A u numru tal-Imigrazzjoni 06BBB-004, akkuzat talli:**

**1. fil-lejl ta' bejn il-11 ta' April 2011 u 12 ta' April 2011 fil-Marsa Open Centre attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra Paul Mizzi u Stephen Osei Boateng, ufficjali tac-Centru tad-Detenzjoni li kienu nkarigati skond il-Ligi minn Servizz**

**Pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghal esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-Awtorita' kompetenti.**
**2. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ghamel ingurji u theddid fuq il-persuni ta' Paul Mizzi u Stephen Osei Boateng, ufficjali tac-Centru tad-Detenzjoni persuni nkarigati minn servizz pubbliku waqt li kien qeghdin jaghmlu dan is-servizz bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.**
**3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuni ohra cioe' kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Paul Mizzi u Stephen Osei Boateng ufficjali tac-Centru tad-Detenzjoni nkarigati minn servizz pubbliku skond ma ccertifika Dr. Satya Brata Das Reg 2141 mic-Centru tas-Sahha Floriana.**
**4. fl-istess cirkostanzi m'obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-Awtorita' jew ta' whud inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel lil dawn cioe' lil Paul Mizzi u Stephen Osei Boateng, ufficjali tac-Centru tad-Detenzjoni waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom u billi ma halliehomx jaghmlu dak li bil-Ligi kienu ordnati li jaghmlu u jew jistghu jaghmlu u billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel skond il-Ligi b'mod li jkun.**
**5. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali kiser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku.**

**Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Paul Mizzi u Stephen Osei Boateng u tapplika l-provedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament.**

**Semghet l-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrkonsidra.**

**Rat l-atti u d-dokumenti.**

**Ikkonsidrat:**

**Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Dawn jirriferu ghall-agir tal-imputat fil-'Marsa Open Centre' fil-lejl ta' bejn il-11 u 12 ta' April ta' din is-sena. Jittrattaw: l-attakk u rezistenza ta' Ufficjali Pubblici fil-kors tas-servizz taghhom, ta' ingurji u theddid diretti lilhom; ta' griehi hfief maghmula lilhom mill-imputat; ta' nuqqas li jobdi ordnijiet moghtija lilu mill-istess ufficjali pubblici; ta' ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika.**

**Rat l-Artikolu 95, 96(a), 221, 338(cc) u (dd) u 17 tal-Kap 9.**

**Tikkundannah sitt xhur prigunerija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------